**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 429/16 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

Illi zzewweg lil cb fil-25 ta' Marzu 2006 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel wiehed;
Illi ilhom isseparati mill-2011, permezz ta' ftehim dwar separazzjoni fl-atti tan-Nutar Marco Burlo` bid-data sebgha (7) ta' April 2011, kif awtorizzati minn digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja bid-data sitta (6) ta' April 2011 (kopja annessa – Dok. A);

Illi l-ftehim dwar separazzjoni inkluda wkoll ftehim dwar manteniment, liema manteniment dejjem gie onorat mir-rikorrent, u li bi hsiebu wkoll jibqa` jonora;

Illi wara dawn is-snin kollha wiehed jista` jikkonkludi li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara dan iz-zwieg mahlul;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Settembru, 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla tiddikjara illi ma ghandha l-ebda oggezzjoni illi jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' April 2011 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.